



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2013/0110(COD)

29.11.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċertu kumpaniji u gruppi kbar
(COM(2013)0207 – C7-0103/2013 – 2013/0110(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sergio Gaetano Cofferati

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-Direttivi dwar il-Kontabilità¹ (minn hawn 'il quddiem id-"Direttivi") jittrattaw it-tnejn ta' rapporti finanzjarji annwali u konsolidati u rapporti relatati magħhom. L-Artikolu 46(1)(b) tar-Raba' Direttiva u l-Artikolu 36(1) tas-Seba' Direttiva attwalment jipprovdu li, fejn xieraq u safejn meħtieġ għal fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, ir-rapport annwali għandu jkun fih ukoll informazzjoni mhux finanzjarja, li tinkludi informazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali u dawk relatati mal-ħaddiema.

L-opportunità li ttejjeb it-trasparenza tal-informazzjoni soċjali u ambjentali pprovduti minn kumpaniji fis-setturi kollha, sabiex jiġi żgurat ambjent ekwu, ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni fl-Att dwar is-Suq Uniku² u kienet imtennija fil-Komunikazzjoni "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva"³. Din il-proposta twassal għal waħda mill-impenni prinċipali tal-istrateġija mġedda.

Il-Komunikazzjoni tiddefinixxi s-CSR bħala "ir-responsabbiltà tal-intrapriżi għall-impatt tagħhom fuq is-soċjetà". Hija tirrikonoxxi li l-iżvilupp tagħha għandu jitmexxa mill-impriżi stess, u li l-kumpaniji għandu jkollhom fis-seħħ proċess sabiex jintegraw il-preokkupazzjonijiet soċjali u ambjentali fl-operazzjoni kummerċjali u l-istrateġija tagħhom. It-trasparenza mhux finanzjarja hija għalhekk element kruċjali ta' kwalunkwe politika tas-CSR.

Ir-rapporti tal-Parlament Ewropew dwar "ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv" u dwar "ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli", irrikonoxxew l-importanza ta' miżura leġiżlattiva dwar id-divulgazzjoni mhux finanzjarja.

Il-Parlament Ewropew talab qafas leġiżlattiv li jippermetti flessibilità lill-kumpaniji u, fl-istess ħin trasparenza, komparabbiltà u aċċess faċli għal informazzjoni għall-konsumaturi u l-investituri. Dan jagħti vantaġġ kompetittiv b'saħħtu lill-kumpaniji responsabbli u jkun rikompensat sew mis-suq. Il-Parlament Ewropew talab ukoll li l-ktajjen ta' forniment u ta' sottokuntrattar ikunu koperti fl-informazzjoni mhux finanzjarja u rrikonoxxa l-ħtieġa ta' verifika esterna tal-informazzjoni mhux finanzjarja ddivulgata.

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea trid tiġi emendata, b'konformità mal-pożizzjoni espressa preċedentement mill-Parlament Ewropew, sabiex tiġi ssodisfata b'mod adegwat il-ħtieġa ta' trasparenza u komparabbiltà, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' flessibilità għall-kumpaniji.

¹ Ir-raba' Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1978 dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji (78/660/KEE); Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1983 dwar il-kontijiet konsolidati (83/349/KEE).

² "L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja", COM(2011)206, <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0206:FIN:MT:PDF>, p 15.

³ COM(2011)681 finali tal-25 ta' Ottubru 2011

Ir-rekwiżiti marbuta mal-informazzjoni mhux finanzjarja għandhom japplikaw biss għall-kumpaniji l-kbar, kif definit preċedentement fid-Direttivi dwar il-kontabbiltà. L-SMEs m'għandhomx ikunu koperti b'dawn ir-rekwiżiti.

Huwa ta' importanza assoluta li tiġi garantita ċarezza legali għall-kumpaniji u tiġi evitata kwalunkwe inċertezza fir-rigward tal-implimentazzjoni; għaldaqstant qed jiġi propost li l-Kummissjoni għandha tadotta, sa tmiem l-2015, linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Fir-rigward ta' miżuri dwar id-diversità tas-sessi fil-livell ta' bordijiet, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{12a} (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital) u d-Direttiva ..././UE⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{12b}.

^{12a} Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p.338).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru (fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna), id-data u r-referenza tal-ĠU (fin-nota

f'qiegħ il-paġna) tad-Direttiva.

^{12b} Direttiva ..././UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'Borża u miżuri relatati (ĠU L).

Ġustifikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tkun konsistenti mar-raba' Direttiva CRD u d-direttiva li ġejja dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost id-diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'Borża u miżuri relatati.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata ***tal-anqas*** ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali ***u*** kwistjonijiet relatati ***mal-ħaddiema, ir-rispett*** tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-risultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata ***tal-anqas*** ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali, kwistjonijiet relatati ***mas-sessi u mal-impjeg, inklużi tal-anqas djalogu soċjali, konformità mal-ftehimiet kollettivi u rispett tad-drittijiet tat-trejdjunjins u rispett*** tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-risultati, ***l-inċidenti sinifikanti li seħħew matul il-perjodu ta' rappurtar*** u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 7

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni, il-kumpaniji **jistgħu jiddependu fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali bħall-Impatt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja," l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar.**

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni **mhux finanzjarja**, il-kumpaniji **għandhom jibbażaw ruħhom tal-inqas fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) għal Intrapriżi Multinazzjonali. Barra minn hekk, il-kumpaniji jistgħu jibbażaw ruħhom ukoll fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk dan ikun il-każ, għandhom jispeċifikaw fuq liema oqfsa mxew. Peress li l-pletora ta' oqfsa differenti ta' rappurtar iddgħajjed il-komparabilità ta' informazzjoni mhux finanzjarja fl-istess waqt u billi l-oqfsa differenti ta' rappurtar jistgħu jwasslu għal aktar spejjeż ta' konformità għall-kumpaniji, ikun ta' benefiċċju għall-Unjoni li tgħaddi liġijiet b'sett ċar ta' kriterji ta' rappurtar mhux finanzjarju. Dan il-qafas komuni ta' rappurtar tal-Unjoni jista' jiżgura applikazzjoni konsistenti fis-Suq Uniku u ambjent ekwu għall-operaturi ekonomiċi. Dawn il-kriterji tal-Kummissjoni jkomplu jissimplifikaw it-tqabbil bejn il-kumpaniji. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ddelegati, tiżviluppa dawn il-kriterji, inklużi indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni adegwati, abbażi tal-oqfsa internazzjonali eżistenti msemmija fl-ewwel subparagrafu sa mhux aktar tard minn tmiem l-2015. L-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni (KPIs) żviluppati f'dawn il-kriterji għandhom jinkludu KPIs tal-impjeg, bħal pereżempju, id-dawran tal-impjegati, l-għadd ta' persuni impjegati b'kuntratti ta' servizz, organizzazzjoni trejtdjunjonistika, paga bażika għall-irġiel f'proporzjon mal-paga bażika għan-nisa. Il-KPIs żviluppati biex jitkejjel l-impatt tal-attività tal-**

kumpanija rigward kwistjonijiet ambjentali għandhom tal-inqas ikopru l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-użu ta' materjali. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq b'konformità mar-rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva u ma' valutazzjoni tal-impatt, tippreżenta proposta leġiżlattiva għar-rieżami tad-Direttiva li tipprovdi għal qafas Ewropew ta' rappurtar mhux finanzjarju vinkolanti li jinkludi indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni komuni.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Il-Paragrafu 47 tad-dikjarazzjoni finali tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti Rio +20, "Il-Futur li Rridu"¹³, jirrikonoxxi l-importanza ta' rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u jinkorġġixxi lill-kumpaniji, fejn xieraq, biex jikkunsidraw l-integrazzjoni ta' informazzjoni sostenibbli fiċ-ċiklu ta' rappurtar tagħhom. Jinkoraġġixxi wkoll lill-industrija, lill-gvernijiet interessati u lill-partijiet interessati rilevanti, bl-appoġġ tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, kif xieraq, biex jiżviluppaw mudelli tal-aħjar prattika u jiffaċilitaw l-azzjoni għall-integrazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja billi jitqiesu l-esperjenzi minn oqfsa diġà eżistenti.

¹³ Id-dokument tal-eżitu tan-Nazzjonijiet

Emenda

(8) Il-Paragrafu 47 tad-dikjarazzjoni finali tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti Rio +20, "Il-Futur li Rridu"¹³, jirrikonoxxi l-importanza ta' rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u jinkorġġixxi lill-kumpaniji, fejn xieraq, biex jikkunsidraw l-integrazzjoni ta' informazzjoni sostenibbli fiċ-ċiklu ta' rappurtar tagħhom. Jinkoraġġixxi wkoll lill-industrija, lill-gvernijiet interessati u lill-partijiet interessati rilevanti, bl-appoġġ tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, kif xieraq, biex jiżviluppaw mudelli tal-aħjar prattika u jiffaċilitaw l-azzjoni għall-integrazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja billi jitqiesu l-esperjenzi minn oqfsa diġà eżistenti. ***Konsegwentement, skont din id-Direttiva, il-kumpaniji tal-Unjoni għandhom jiġu rikjesti jipubblikaw id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja tagħhom bħala parti mid-dikjarazzjoni finanzjarja tagħhom.***

¹³ Id-dokument tal-eżitu tan-Nazzjonijiet

Uniti, “The Future WE want”, tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Rio + 20, A/CONF.216/L.1

Uniti, “The Future WE want”, tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Rio + 20, A/CONF.216/L.1

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-katina ta' forniment hija parti integrali mill-ħolqien ta' valur għall-maġġoranza tal-kumpaniji, iżda wkoll mir-riskji potenzjali li l-kumpanija jew l-impriża jistgħu joħolqu mhux biss għall-kumpanija jew l-impriża nnifisha, iżda wkoll għas-soċjetà aktar wiesgħa. Għaldaqstant għandu jiġi żgurat li, fejn ikun possibbli, l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni mhux finanzjarja tinkludi dejta dwar il-katina ta' forniment kollha.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Fl-ambitu tar-reviżjoni tad-Direttiva 2013/34/UE, il-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 talab l-introduzzjoni mandatorja tar-rappurtar pajiż b'pajiż għall-kumpaniji u l-gruppi l-kbar kollha. Għalhekk, biex tiżdied it-trasparenza tal-pagamenti magħmula lill-gvernijiet, l-impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jiddivulgaw il-pagamenti materjali magħmula lill-gvernijiet fil-pajiżi fejn joperaw. Fejn ikun possibbli, tali divulgazzjoni għandha

tkun pubblikata bħala anness tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Kif rikjest mill-Artikolu 51a(e) tad-Direttiva 78/660/KEE, ir-rapport tal-awdituri statutorji għandu jkun fih ukoll opinjoni **li tikkonċerna l-konsistenza jew xort'oħra tar-rapport annwali, inkluża informazzjoni** mhux finanzjarja li tinsab fir-rapport annwali, mal-kontijiet annwali għall-istess sena finanzjarja.

Emenda

(14) Kif rikjest mill-Artikolu 51a(e) tad-Direttiva 78/660/KEE, ir-rapport tal-awdituri statutorji għandu jkun fih ukoll opinjoni **f'forma ta' dikjazzjoni li tikkonċerna l-informazzjoni** mhux finanzjarja li tinsab fir-rapport annwali, **u l-konsistenza tagħha** mal-kontijiet annwali għall-istess sena finanzjarja.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward **ta'** aspetti bħalma huma l-età, **is-sess**, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma

Emenda

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward **tas-sessi u** aspetti **oħra** bħalma huma l-età, id-diversità ġeografika, **id-diżabilità**, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE.

għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.

Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rapport annwali għandu jinkludi analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju ***tal-kumpanija*** u tal-pożizzjoni ***tagħha***, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li taffaċċja.

Emenda

Ir-rapport annwali għandu jinkludi analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju, ***b'referenza kemm għall-kumpanija kkonċernata u kemm għall-katina ta' forniment kollha kemm hi***, u tal-pożizzjoni ***tal-kumpanija***, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li taffaċċja. ***Ir-riskji f'dan il-kuntest jinkludu inċertezzi finanzjarji kif ukoll in-nuqqas ta' rispetttal-istandards soċjali u ambjentali.***

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-analiżi għandha tkun analiżi bbilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u l-pożizzjoni tagħha, bi proporzjon mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju;

Emenda

L-analiżi għandha tkun analiżi bbilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u l-pożizzjoni tagħha, bi proporzjon mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju; ***Il-kunsilli tax-xogħlijiet u l-bordijiet superviżorji għandhom ikunu involuti fl-abbozzar tal-materjal ippubblikat. Ir-rappurtar ta'***

kumpanija għandu jiġi vverifikat indipendentement. In-nuqqas ta' rispett tar-reqwiżiti ta' divulgazzjoni għandu jiġi ppenalizzat mill-Istati Membri.

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata *tal-anqas* ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali *u tal-impjegati, ir-rispett* tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

(b) Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni *rigward l-impatt tal-attività tal-kumpaniji fuq is-soċjetà* relatata *tal-anqas* ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali, *tas-sessi u tal-impjeg, u r-rispett* tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

Emenda

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, *b'referenza wkoll għall-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentati;*

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) l-inċidenti sinifikanti li sehew matul il-perjodu ta' rappurtar b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet;

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha tipprovdi spjegazzjoni ***ċara u motivata*** għaliex ma tagħmilx dan. ***L-ispiegazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tad-deċiżjoni li ma jiġux segwiti politiki relatati ma' dawn il-kwistjonijiet.***

Mingħajr preġudizzju għal-limiti definiti fl-ewwel subparagrafu, l-impatt tal-attività tal-kumpaniji fuq is-soċjetà għandu jinkludi l-impatti li jinħolqu bl-attivitàjiet tal-kumpanija li tkun qed tirrapporta kif ukoll dawk li jinħolqu b'attivitàjiet marbuta mal-kumpanija li tkun qed tirrapporta permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali rilevanti, bħalma huma inizjattivi ta' impriża konġunta u l-ktajjen ta' forniment u ta' sottokuntrattar.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din il-kumpanija, **tista' sserraħ** fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa mxiet.

Emenda

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din, il-kumpanija **għandha tibbaża ruħha fuq il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, minn sena wara l-adozzjoni tagħhom. Qabel dak iż-żmien, il-kumpanija għandha tibbaża ruħha tal-anqas fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għal Intrapriżi Multinazzjonali. Barra minn hekk, il-kumpanija tista' tibbaża ruħha wkoll** fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa mxiet.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2013/34 u taġġorna regolarment, il-kriterji għal

qafas Ewropew ta' rappurtar mhux finanzjarju komuni. Dawn il-kriterji għandhom jibnu fuq oqfsa eżistenti nazżjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u għandhom jinkludu Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni (KPIs) fil-kwistjonijiet li dwarhom għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni. Il-kriterji għandu jkun fihom dispożizzjonijiet ġenerali kif ukoll dispożizzjonijiet ibbażati skont is-settur. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tfassal dawn il-kriterji wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, l-Awtoritajiet Regolatorji Nazżjonali, in-negożji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negożju partikolari.

Emenda

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni ***u l-impatt*** tal-kumpanija ***fuq is-soċjetà, l-ambjent u fuq id-drittijiet tal-bniedem, u għat-trasparenza u l-komparabbiltà tar-rieżami***, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni (KPIs) finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negożju partikolari. ***L-analiżi għandha tinkludi l-KPIs definiti fil-kriterji żviluppanti mill-Kummissjoni Ewropea, minn sena wara l-adozzjoni tagħhom.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Sa tmiem l-2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar:

- l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari dwar l-informazzjoni mhux finanzjarja divulgata u l-ambitu tagħha, it-trasparenza u l-komparabilità tal-informazzjoni mhux finanzjarja pprovduta

- il-progress mar-rappurtar mhux finanzjarju madwar id-dinja.

Skont il-konklużjonijiet tar-rapport, il-Kummissjoni għanda teżamina mill-ġdid din id-Direttiva u għandha tikkunsidra li tipproponi qafas Ewropew ta' rappurtar mhux finanzjarju vinkolanti li jinkludi indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.

4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b) *skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi definiti fih u skont il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, din* għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b),

sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali **u jkun fih il-KPIs rilevanti skont il-paragrafu 1(c)**.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi garantita l-flessibilità essenzjali għall-kumpaniji u, fl-istess ħin, jiġi garantit livell adegwat ta' trasparenza u komparabbiltà, jeħtieġ li l-kumpaniji jużaw KPIs rilevanti konsistenti mal-informazzjoni pprovduta fl-oqsma koperti bir-rapport mhux finanzjarju, anki f'każijiet fejn tali kumpaniji jużaw oqfsa ta' rappurtar differenti.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46a – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward **ta'** aspetti bħalma huma l-età, **is-sess**, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-risultati fil-perjodu tar-rappurtar. **Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.**

Emenda

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward **tas-sessi u** aspetti **oħra** bħalma huma l-età, id-diversità ġeografika, **id-diżabilità**, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-risultati fil-perjodu tar-rappurtar.

Ġustifikazzjoni

Importanti li l-informazzjoni dwar id-diversità tas-sessi fil-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tal-kumpanija tiġi pprovduta dejjem.

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 53a – paragrafu 1a (ġdid)

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi effikaċi u adegwati sabiex tiġi żgurata divulgazzjoni korretta ta' informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri nazzjonali effikaċi biex tiġi infurzata l-konformità mal-obbligi ta' din id-Direttiva u li dawn il-proċeduri jkunu disponibbli għall-persuni u l-entitajiet ġuridiċi kollha li jkollhom interess leġittimu, b'konformità mal-liġi nazzjonali, fl-iżgurar li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati riskji ta' greenwashing u informazzjoni qarrieqa, jeħtieġ li fl-Istati Membri jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi bl-għan li d-Direttiva tiġi implementata u infurzata korrettament. Sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet nazzjonali ferm differenti, għandha tingħata flessibilità lill-Istati Membri fir-rigward tal-funzjonament ta' dawn il-mekkaniżmi.

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1a (ġdid)

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 18 – paragrafu 2a

Artikolu 1a

Emendi għad-Direttiva 2013/34/UE

Fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/34/UE, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Fin-noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-impriżi l-kbar u l-entitajiet

ta' interess pubbliku għandhom jiddivulgaw, filwaqt li jispeċifikaw skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li fih ikollhom stabbiliment, l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja:

(a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;

(b) il-fatturat;

(c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;

(d) il-bejgħ u x-xiri;

(e) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;

(f) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;

(g) is-sussidji pubbliċi li jirċievu."

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata *tal-anqas* ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali *u tal-impjegati, ir-rispett* tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni *rigward l-impatt tal-attività tal-kumpaniji fuq is-soċjetà*, relatata *tal-anqas* ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali, *tas-sessi u tal-impjeg, u r-rispett* tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

83/394/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

Emenda

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, ***b'referenza wkoll għall-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentati;***

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun hemm referenza għall-proċessi ta' diliġenza dovuta sabiex ikun iċċarat li dawn il-proċessi jikkostitwixxu parti importanti ħafna mill-politiki li jsegwu l-kumpaniji.

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

83/394/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(iia) l-inċidenti sinifikanti li sehew matul il-perjodu ta' rappurtar b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet;

Emenda

Ġustifikazzjoni

Id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja għandu jkun fiha informazzjoni dwar kwalunkwe inċident sinifikanti relatat mal-kwistjonijiet definiti, peress li din l-informazzjoni hija neċessarja sabiex il-konsumaturi u l-investituri jġu pprovduti bi stampa ċara u komprensiva tal-impatt tal-attività tal-kumpaniji.

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

83/394/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 - punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

Emenda

(iii) ir-riskji **għall-kumpanija u għas-soċjetà** relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

Ġustifikazzjoni

Din il-bidla qed tiġi proposta sabiex it-test ikun konsistenti mad-definizzjoni l-ġdida ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, **il-kumpanija għandha tipprovdi** spjegazzjoni għaliex ma **tagħmilx** dan.

Emenda

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, **huma għandhom jipprovdu** spjegazzjoni **ċara u motivata** għaliex ma **jagħmlux** dan. **L-ispiegazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tad-deċiżjoni li ma jiġux segwiti politiki relatati ma' dawn il-kwistjonijiet.**

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għal-limiti definiti fl-ewwel subparagrafu, l-impatt tal-attività tal-kumpaniji fuq is-soċjetà

għandu jinkludi l-impatti li jinħolqu kemm bl-attivitajiet tal-kumpaniji inklużi fil-konsolidazzjoni kif ukoll bl-attivitajiet li jkunu marbuta mal-kumpanija li tkun qed tirrapporta permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali rilevanti, bħalma huma inizjattivi ta' impriża konġunta u l-ktajjen ta' forniment u ta' sottokuntrattar.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

83/394/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jipprovdi din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat **jista' juża** oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.

Emenda

Meta jipprovdi din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat **għandu jibbaża ruħu fuq il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, minn sena wara l-adozzjoni tagħhom. Qabel dak iż-żmien, ir-rapport annwali kkonsolidat għandu jibbaża ruħu tal-inqas fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għal Intrapriżi Multinazzjonali. Ir-rapport annwali kkonsolidat jista' jibbaża ruħu wkoll fuq** oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 5a (ġdid)

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2013/34, u taġġorna regolarment, il-kriterji għal qafas Ewropew ta' rappurtar mhux finanzjarju komuni. Dawn il-kriterji għandhom jibnu fuq oqfsa eżistenti nazżjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u għandhom jinkludu Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni (KPIs) fil-kwistjonijiet li dwarhom għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni. Il-kriterji għandu jkun fihom dispożizzjonijiet ġenerali kif ukoll dispożizzjonijiet ibbażati skont is-settur. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tfassal dawn il-kriterji wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, l-Awtoritajiet Regolatorji Nazżjonali, in-negozji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Sa fejn huwa neċessarju sabiex wieħed jifhem *dan* l-iżvilupp, *prestazzjoni* jew *pożizzjoni*, l-analiżi *tkun* tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji *u* mhux *indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni* finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari.

Emenda

Sa fejn huwa neċessarju sabiex wieħed jifhem l-iżvilupp, *il-prestazzjoni* jew *il-pożizzjoni u l-impatt fuq is-soċjetà tal-kumpaniji u għall-fini tat-trasparenza u l-komparabbiltà tar-rieżami*, l-analiżi *għandha* tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni (*KPIs*) finanzjarji *kif ukoll dawk* mhux finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari. *L-analiżi għandha tinkludi l-KPIs definiti fil-linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea, minn sena wara l-adozzjoni*

tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Il-KPIs huma ta' importanza assoluta sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' komparabbiltà bejn l-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji varji.

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – punt b

83/394/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta impriża prinċipali tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, li jirreferi għall-grupp kollu tal-intrapriżi kkonsolidati, billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-intrapriża prinċipali tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, sakemm tali rapport komprensiv **huwa** parti minn rapport annwali kkonsolidat.

Emenda

4. Meta impriża prinċipali tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, li jirreferi għall-grupp kollu tal-intrapriżi kkonsolidati, billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1 **skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi definiti fih u skont il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja**, l-intrapriża prinċipali **għandha** tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, sakemm tali rapport komprensiv **ikun** parti minn rapport annwali kkonsolidat **u jkun fih il-KPIs rilevanti skont il-paragrafu 1.**

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi garantita l-flessibbiltà essenzjali għall-kumpaniji u, fl-istess ħin, jiġi garantit livell adegwat ta' trasparenza u komparabbiltà, jeħtieġ li l-kumpaniji jużaw KPIs rilevanti konsistenti mal-informazzjoni pprovduta fl-oqfsa koperti bir-rapport mhux finanzjarju, anki f'każijiet fejn tali kumpaniji jużaw oqfsa ta' rappurtar differenti.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – punt ba (ġdid)
83/394/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi effikaċi u adegwati sabiex tiġi żgurata divulgazzjoni korretta ta' informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri nazzjonali effikaċi biex tiġi infurzata l-konformità mal-obbligi ta' din id-Direttiva u li dawn il-proċeduri jkunu disponibbli għall-persuni u l-entitajiet ġuridiċi kollha li jkollhom interess leġittimu, b'konformità mal-liġi nazzjonali, fl-iżgurar li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati riskji ta' greenwashing u informazzjoni qarrieqa, jeħtieġ li fl-Istati Membri jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi bl-għan li d-Direttiva tiġi implementata u infurzata korrettament. Sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet nazzjonali ferm differenti, għandha tingħata flessibilità lill-Istati Membri fir-rigward tal-funzjonament ta' dawn il-mekkaniżmi.

PROĊEDURA

Titolu	Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti kumpaniji u gruppi kbar
Referenzi	COM(2013)0207 – C7-0103/2013 – 2013/0110(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 21.5.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 21.5.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sergio Gaetano Cofferati 29.5.2013

Eżami fil-kumitat	30.9.2013	5.11.2013
Data tal-adozzjoni	28.11.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	29 3 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Claudette Abela Baldacchino, Adam Bielan, Jorgo Chatzimarkakis, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Cornelis de Jong, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Philippe Juvin, Toine Manders, Mitro Repo, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ildikó Gáll-Pelcz, Morten Løkkegaard, Claudio Morganti, Olga Sehnalová, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp, Patricia van der Kammen	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Monika Panayotova, Andrés Perelló Rodríguez	